RABAT

## *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 37**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 25 ta' Novembru 2013 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 36**

1.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 36 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Lino Pace Bonello. Il-minuti ġew approvati. *(Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A36)*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 36** *(Punti Mqajma mill-minuti A36)*

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet. *(Ħajt fi Triq Godwin Ganado)*

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta minn Transport Malta. *(Traffic Calmers)*

2.03 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li apparti r-reminder lil Transport *(Bus Shelters)*



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Malta, bgħatna wkoll lis-Sezzjoni tal-*Bus Shelters* u bħalissa qegħdin fuq il-lista ta' stennija.

| | | |
|---|---|---|
| 2.04 | 2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan l-ilment ghaddejnieh lill-Korporazzjoni Enemalta u li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta. | Arbli tad-dawl imsadda |
| 2.05 | 2.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kienet għadha ma rċeviet l-ebda proposta għall-budget tas-sitt xhur li ġejjin. | Proposti għall-budget |
| 2.05.1 | Is-Sna Cecilia Bonello pproponiet li mill-flus li jifdal, apparti s-servizzi kuntrattwali titkompla l-bankina ta' Triq Francesco Azopardi. Issekonda din il-proposta l-Profs. Griscti Soler. Il-Kumitat qabel unanimament. | Proposti għall-budget |
| 2.05.2 | Is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li t-triq li minn ħdejn il-Kastell tal-Virtù twasslek għall-Wied tal-Isqof titnaddaf u jinbena l-ħajt tas-sejjieħ. Il-Kumitat qabel li nibgħatu lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħtina stima tax-xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru. | Diskussjoni dwar il-finanzi |
| 2.06 | 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-kwistjoni tal-ħmieġ fit-toroq għadhiex l-istess. Il-membri kkummentaw li għalkemm ma jaraw l-ebda kenniex jiknes, bħalissa m'hemmx ħmieġ. | Knis manwali tat-toroq |
| 2.07 | 4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'il-laqgħa li l-unika għaqda li wriet interess li tarma s-siġra tal-Milied kienet l-Għadqa ta' San Ġużepp, però s'issa konna għadna ma rċevejniex il-kwotazzjoni.<br>Il-Kumitat qabel li ma noqgħodux nistennew laqgħa oħra peress li jkun tard wisq biex titrema' din is-siġra. Għaldaqstant sar qbil bejn il-membri kollha preżenti li kif il-kwotazzjoni tasal fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill, tintbagħat imejl lill-membri kollha sabiex jibgħatu l-kummenti/l-approvazzjoni tagħhom jekk din is-siġra għandiex tintrema' jew le. Il-Kumitat qabel. | Tiżjin tal-Milied |

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

3.01 Il-Profs. Griscti Soler ippropona li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jitwaħħlu CCTV cameras f'Tal-Virtù. Għaldaqstant ġie deċiż li qabel ma jinġabru l-kwotazzjonijiet, naraw kemm huwa r-'running cost' tagħhom.

3.02 Is-Sur Lino Pace Bonello informa 'l-laqgħa li twaħħlu tabelli ta' informazzjoni fejn qed jingħad li tal-Virtù huwa meqjus bħala żona arkeoloġika. Huwa rrimarka li għaldaqstant ser niġu żvantaġġjati meta nkunu ser nagħmlu proġetti peress li ma nistgħux inħaffru.

3.03 Is-Sna Cecilia Bonello ġibdet l-attenzjoni li hemm xi bozoz mal-arbli fi Triq il-Buskett k/m Triq Godwin Ganado li qed jitfu u jixegħlu.

**4.00 Affarijiet Oħra**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'il-laqgħa li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Kumitati Amministrattivi u l-istaff ser issir fir-ristorant 'La Giara' li jinsab ġewwa l-Belt Valletta nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013. Affarijiet Oħra

**5.00 Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2013 fis-6.30 pm Data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-7.35 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**